**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU GĦAXRA**

**4 ta' April, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

Din il-laqgħa inbidlitilha l-ġurnata miftehma fuq qbil unanimu bejn il-membri kollha.

**10.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

10.1.1 Il-minuti tas-seduta numru 9 ġew apporvati.

***10.2*** ***Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

10.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia fiehem lil dawk preżenti r-rotta tal-attivita' kulturali tad-29 ta' Mejju, 2011 – Tieġ Malti. L-attivita' ser tibda minn Misraħ Santa Marija u tkompli għal Triq Bubaqra, Triq it-Tin, Triq Zakkarija Ronkali, Triq in-Nigret, Triq

Isouard Xuereb, Triq l-Arċ. E. Mifsud, Triq l-Imtali, Triq it-Torri, Misraħ Santa Marija u ċ-ċerimonja tat-Tieġ issir ħdejn l-Knisja ta' Bubaqra wara l-għarajjes jimxu għal Triq ir-Rettur 'Misraħ Santa Marija, fejn ikun hemm ir-reċiviment – ikel u xogħol ta' artiġjanat malti.

Ġie ssuġġeriet li fil-fuljett li ser joħroġ il-Kumitat, jiġu mħeġġa r-residenti tat-toroq minn fejn ser tgħaddi l-purċissjoni biex iżejnu l-parapetti/gallarijiet tagħhom għall-okkażjoni.

10.2.2 Ic-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv fuq il-proġett ta' *traffic management* fi Triq Santa Marija li għadu ma tlestiex. Kien hemm qbil li ssir aktar pressjoni fuq il-kuntrattur sabiex ilesti x-xogħol immedjatament.

10.2.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li meta saret il-bankina fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Fortunato Dalli, tħassar il-*yellow line* tal-kantuniera. Kien hemm qbil li tali sinjali jsiru mill-ħaddiema tal-ETC.

### *10.3 Konfini – Bubaqra/Żurrieq.*

10.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fl-aħħar seduta tal-Kunsill kien hemm qbil li tlett Kunsillieri ngħaqdu f'kumitat biex jiddiskutu l-konfini Bubaqra – Żurrieq.

Il-Membru Joseph D'Amato ġie mistoqsi jekk tali laqgħa saritx u x'kien ir-riżultat tagħha.
Il-Membru Joseph D'Amato qal li tali laqgħa ma saritx.

Il-Membru Joseph D'Amato qal li fi snin preċedenti, residenti minn Triq Fra Luka Zurki, Triq Zakkarija Ronkali, parti minn Triq in-Nigret, Triq il-Wardija u Triq il-Munqar, kienu oġġezzjonaw li jagħmlu parti minn Bubaqra. Il-Kunsill Lokali kien aċċetta t-talba tagħhom, ressaqha lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u d-Dipartiment laqa' din it-talba u l-konfini kienu ġew modifikati.

Il-membru Joseph D'Amato qal li hu joġġezzjona, li residenti li ma jridux jagħmlu mal-konfini ta' Bubaqra, nerġgħu inbidlulhom l-indirizz u nagħmluhom kontra x-xewqa

tagħhom li jagħmlu mal-konfini ta' Bubaqra.
Żied jgħid li barra minnhekk, aktar kemm jiżdiedu toroq fil-konfini, aktar jiżdiedu l-ispejjeż u l-ilmenti.

Kien hemm qbil li l-Kumitat jinforma lill-Kunsill Lokali li jekk ma jkollux xi tip ta' risposta sa ħmistax wara s-seduta tal-Kunsill, il-Kumitat Amministrattiv jipproċedi b'dak miftiehem fil-laqgħa tal-15 ta' Marzu, 2011.

*10.4 Ilmenti*

10.4.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li fi Triq it-Tin k/m Triq is-Sardinell fil-parti fejn ingħata tarmakk ġdid tħalliet tappiera miftuħa, bil-konsegwenza ta' periklu għal min jagħddi mit-triq. Kien hemm qbil li tiġi infurmata l-Perit Graziella Galea fuq il-każ.

10.4.2 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ġibdet l-attenzjoni tas-sitwazzjoni diżastruża li jinsabu fiha l-Bring in Site ta' Triq Kalanġ Bugeja. Hi qalet li għalkemm il-Kumitat Amministrattiv ilu jiġbed l-attenzjoni tal-Green MT fuq dan l-ilment, xorta baqgħu ma tnaddfux u l-iskart madwarhom aktar żdied. Hi ssuġġeriet li tintbagħat email lis-Sanita sabiex tinġibed l-attenzjoni. Kien hemm qbil fuq dan.

10.4.3 Il-Membru Joseph Caruana qal li l-iskart li tħalla mill-kuntrattur tat-TM, waqt li saret bit-tarmakk Triq Dun Nard Mallia k/m Triq San Bastjan tħallha fil-post.
Kien hemm qbil li terġa tinġibed l-attenzjoni.

10.4.4 Il-Membru Joseph Caruana qal li qed isiru ħafna ilmenti biex isiru tabelli 'Min jinqabad jarmi l-iskart jiġi mħarrek' u jekk għal kull talba li ssir titwaħħal tabella, ser ikun hawn iż-Żurrieq kollu tabelli. Hu qal li ma jaqbilx li jibqgħu jitwaħħlu tali tabelli.

10.4.5 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia fakkar lill-dawk preżenti fir-*write up* għall-fuljett li ser jiġi ppubblikat fil-bidu ta' Mejju, 2011.

*10.5 Appuntament għas-seduta li jmiss*

10.5.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser

issir nhar it-Tnejn 25 ta' April, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

10.5.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' April, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**